



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0211/2013

10.6.2013

RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Programm
Supplimentari ta' Riċerka għall-proġett ITER (2014-2018)
(COM(2011)0931 – C7-0032/2012 – 2011/0460(NLE))

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteur: Vladimír Remek

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f' verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA	17
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS.....	22
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	30

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Programm Supplimentari ta' Riċerka għall-proġett ITER (2014-2018) (COM(2011)0931 – C7-0032/2012 – 2011/0460(NLE))

(Konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2011)0931),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 7 tat-Trattat Euratom,
 - wara li kkunsidra t-talba għal opinjoni li rċieva mill-Kunsill (C7-0032/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0211/2013),
- A. Billi t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għadu ma jintitolax lill-Parlament Ewropew biex ikun koleġiżlatur,
1. Jagħti opinjoni favorevoli fir-rigward tal-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni biex timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika;
 3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 4. Jitlob lill-Kunsill jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni

Premessa -1 (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(-1) L-impenn tal-Unjoni għall-Ftehim
dwar l-Istabiliment tal-Organizzazzjoni
Internazzjonali għall-Enerġija mill-***

***Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni
Konġunta tal-Proġett ITER¹ (il-“Ftehim
ITER”) jerġa’ jkun ikkonfermat.***

¹ ĠU L 358, 16.12.2006, p. 62

**Emenda 2
Proposta għal deċiżjoni**

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Il-Ftehim *dwar l-Istabiliment tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER (minn hawn ‘il quddiem il-“Ftehim ITER”)* ġie ffirmat fil-21 ta’ Novembru 2006 mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom), ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, ir-Repubblika tal-Indja, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, il-Federazzjoni Russa u l-Istati Uniti *tal-Amerka*. Il-Ftehim ITER jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER (minn hawn *‘il quddiem l-“Organizzazzjoni ITER”*), li għandha r-responsabilità sħiħa għall-kostruzzjoni, l-operat, l-esplojtazzjoni u d-deattivazzjoni tal-faċilitajiet ITER.

**Emenda 3
Proposta għal deċiżjoni**

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Fil-qafas tan-negożjati sabiex jinkiseb l-appoġġ tal-partijiet ITER l-oħrajn biex jiġtranga s-sit għall-ITER fl-Ewropa, il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Gvern tal-Ġappun

Emenda

(1) Il-Ftehim ITER ġie ffirmat fil-21 ta’ Novembru 2006 mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom), ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, ir-Repubblika tal-Indja, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, il-Federazzjoni Russa u l-Istati Uniti *tal-Amerika*. Il-Ftehim ITER jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER (minn hawn *‘il quddiem “l-Organizzazzjoni ITER”*), li għandha r-responsabilità sħiħa għall-kostruzzjoni, l-operat, l-esplojtazzjoni u d-deattivazzjoni tal-faċilitajiet ITER.

Emenda

(3) Fil-qafas tan-negożjati sabiex jinkiseb l-appoġġ tal-partijiet ITER l-oħrajn biex jiġtranga s-sit għall-ITER fl-Ewropa, il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Gvern tal-Ġappun

għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Attivitajiet ta' Approċċ Usa' fil-Qasam tar-Riċerka dwar l-Enerġija mill-Fużjoni għe konkluż fl-2007 bl-istabbiliment ta' attivitajiet ta' riċerka konġunta kumplimentari dwar il-fużjoni fit-territorju tal-Ġappun sabiex jiġi żgurat bidu rapidu tal-operat ta' prestazzjoni għolja tal-ITER. L-attivitajiet ta' Approċċ Usa' u l-attivitajiet oħra relatati mal-ITER huma kkoordinati permezz tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp ta' Enerġija mill-Fużjoni. Il-finanzjament tal-attivitajiet tal-Approċċ Usa' huwa prinċipalment żgurat permezz ta' kontribuzzjonijiet in natura minn ċerti membri tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp ta' Enerġija mill-Fużjoni, waqt li l-parti li tibqa' mill-kontribuzzjoni tal-Euratom hija koperta mill-baġit tal-Euratom.

għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Attivitajiet ta' Approċċ Usa' fil-Qasam tar-Riċerka dwar l-Enerġija mill-Fużjoni għe konkluż fl-2007 bl-istabbiliment ta' attivitajiet ta' riċerka konġunta kumplimentari dwar il-fużjoni fit-territorju tal-Ġappun sabiex jiġi żgurat bidu rapidu tal-operat ta' prestazzjoni għolja tal-ITER. L-attivitajiet ta' Approċċ Usa' u l-attivitajiet oħra relatati mal-ITER huma kkoordinati permezz tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp ta' Enerġija mill-Fużjoni. Il-finanzjament tal-attivitajiet tal-Approċċ Usa' huwa prinċipalment żgurat permezz ta' kontribuzzjonijiet in natura minn ċerti membri tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp ta' Enerġija mill-Fużjoni, waqt li l-parti li tibqa' mill-kontribuzzjoni tal-Euratom hija koperta mill-baġit tal-Euratom. **Il-Pjan**

Direzzjonali 2012 tal-Ftehim Ewropew dwar l-Iżvilupp tal-Fużjoni (EFDA) għall-Materjalizzazzjoni tal-Enerġija mill-Fużjoni jidentifika l-ħtieġa ta' appoġġ finanzjarju kontinwu għal proġetti, u għal attivitajiet ta' riċerka u żvilupp f'oqsma ewlenin, sad-data meta jibda jiffunzjona l-ITER, sabiex jintrebħu l-isfidi xjentifiċi u teknoloġiċi fit-triq lejn it-twertiq tal-enerġija mill-fużjoni.

Emenda 4 Proposta għal deċiżjoni

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Għall-perjodu ta' wara l-2013, il-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha "Baġit għall-Ewropa 2020" ipproponiet li tiffinanzja l-proġett ITER lil hinn mill-MFF. Għalhekk, il-Programm Supplimentari ta' Riċerka għall-proġett ITER għandu jiġi stabbilit għall-perjodu

Emenda

(5) Il-proġett ITER għandu jikkonsolida t-tmexxija tal-Unjoni fil-qasam tal-fużjoni permezz tal-ilħuq f'waqtu tal-għanijiet iddikjarati ta' kostruzzjoni u sfruttament.

tal-2014 sal-2018.

Emenda 5
Proposta għal deċiżjoni
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Il-Programm Supplimentari ta' Riċerka għall-proġett ITER għandu jkun iffinanzjat b'kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri bbażati fuq rata ta' sejħa applikata għad-Dħul Nazzjonali Gross (DNG) ta' kull Stat Membru kif definit għall-iskop tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni abbażi tad-DNG tar-riżorsi proprji tal-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Dawk il-kontribuzzjonijiet għandhom isiru lill-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, u għandhom jiġu assenjati għal dak il-Programm. Pajjiżi terzi li kkonkludew ftehim ta' kooperazzjoni mal-Euratom fil-qasam tal-fużjoni nukleari kkontrollata li jassoċja l-programmi ta' riċerka rispettivi tagħhom mal-programmi Euratom għandhom ukoll ikunu jistgħu jikkontribwixxi **għal dak il-Programm.**

Emenda 6
Proposta għal deċiżjoni

Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

PE504.209v02-00

8/30

Emenda

(6) Minkejja l-miżuri ta' trażżin li għandhom ikomplu jiġu implimentati, il-proġett ITER jista' jkompli jġarrab eċċessi tal-ispejjeż minħabba n-natura xjentifika tiegħu, u minħabba r-riskju teknoloġiku u l-kobor tiegħu. Kwalunkwe eċċess tal-ispejjeż iktar mill-ammont massimu stabbilit fl-Artikolu 2 m'għandux ikollu impatt fuq proġetti oħra ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni b'mod partikolari dawk taħt l-Intestatura Ia tal-baġit tar-riċerka (Orizzont 2020), u għandu jkun iffinanzjat permezz ta' riżorsi addizzjonali barra u minn fuq il-limiti massimi kif ikun xieraq. Pajjiżi terzi li kkonkludew ftehim ta' kooperazzjoni mal-Euratom fil-qasam tal-fużjoni nukleari kkontrollata li jassoċja l-programmi ta' riċerka rispettivi tagħhom mal-programmi Euratom għandhom ukoll ikunu jistgħu jikkontribwixxi **għall-Programm ta' Riċerka Supplimentari.**

Emenda

(7a) Iż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja għandhom jaqblu li għandu jiġi evitat kwalunkwe posponiment jew tiġdid ta' approprjazzjonijiet ta' pagamenti li ma ġewx issodisfati relatati mal-proġett ITER u għandhom jimpenjaw ruħhom li jaħdmu flimkien biex jevitaw tali

RR\939513MT.doc

sitwazzjoni.

Emenda 7
Proposta għal deċiżjoni

Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) Kif mitlub fil-prijoritajiet proposti fil-pjan direzzjonali 2012 tal-EFDA għall-fużjoni, il-proġett tal-Joint European Torus (JET) għandu jkollu rwol ewlieni fit-tranżizzjoni tal-enerġija.

Emenda 8
Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Programm għandu jkun iffinanzjat permezz ta' kontribuzzjoni massima ta' EUR 2,573 miljun (f'valuri kurrenti) ***skont l-Artikolu 3.***

Il-Programm għandu jkun iffinanzjat permezz ta' kontribuzzjoni massima ta' EUR 2,573 miljun (f'valuri kurrenti) ***barra u minn fuq il-limiti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP), jiġifieri 'l barra mill-Intestatura IA, u flimkien mal-baġit għall-programm Orizzont 2020, il-programm strutturat tal-EURATOM jew programmi oħra tal-Unjoni, filwaqt li jinżammu s-setgħat kollha taż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja. Għalhekk, il-finanzjament għall-Programm għandu jkollu biżżejjed riżorsi finanzjarji biex l-Unjoni tkun tista' timplimenta l-Programm filwaqt li tistabbilixxi wkoll fir-regolament tal-QFS l-ammont massimu delimitat għall-kontribuzzjonijiet mill-baġit tal-Unjoni għas-snin 2014-2018. Kwalunkwe spejjeż żejda fuq dan l-ammont massimu ma għandu jkollhom l-ebda impatt fuq l-allokazzjonijiet baġitarji għal proġetti oħra u għandhom jiġu ffinanzjati permezz ta' riżorsi addizzjonali barra u minn fuq il-limiti massimi***

reġjonali kif ikun xieraq.

Emenda 9
Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Programm għandu jkun iffinanzjat **minn kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri, ibbażati fuq rata ta' sejħa applikata għad-Dħul Nazżjonali Gross (DNG) ta' kull Stat Membru, kif definit għall-iskopijiet ta' kalkolu tal-kontribuzzjoni tar-riżorsi proprji abbażi tad-DNG lill-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Dawk il-kontribuzzjonijiet għandhom ikunu kkunsidrati bħala dħul estern assenjat għall-Programm skont [l-Artikolu XX tar-Regolament (UE) Nru XX/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Ir-Regolament Finanzjarju Ġdid].**

Emenda

Il-Programm għandu jkun iffinanzjat **permezz tar-riżorsi proprji tal-Unjoni.**

Emenda 10
Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-pajjiżi terzi li kkonkludew ftehim ta' kooperazzjoni mal-Euratom fil-qasam tal-fużjoni nukleari kkontrollata li jassoċjaw il-programmi rispettivi ta' riċerka tagħhom mal-programmi tal-Euratom (minn hawn 'il quddiem "pajjiżi assoċjati") jistgħu **wkoll** jikkontribwixxu lill-Programm.

Emenda

Il-pajjiżi terzi li kkonkludew ftehim ta' kooperazzjoni mal-Euratom fil-qasam tal-fużjoni nukleari kkontrollata li jassoċjaw il-programmi rispettivi ta' riċerka tagħhom mal-programmi tal-Euratom (minn hawn 'il quddiem "pajjiżi assoċjati") jistgħu jikkontribwixxu lill-Programm.

Emenda 11
Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rieżami intermedjarju tal-progress tal-Programm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-opinjoni tagħhom qabel it-30 ta' Ġunju 2016.

Emenda 12
Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri xierqa biex tiżgura li, meta jiġu implimentati l-azzjonijiet iffinanzjati skont din id-Deċiżjoni, jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kontra kwalunkwe attività illegali oħra, bis-saħħa ta' verifki effettivi u, fil-każ li jiġu identifikati irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa b'mod skorrett, u fejn xieraq, b'penali effettivi, proporzjonali u deterrenti.

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri xierqa biex tiżgura li, meta jiġu implimentati l-azzjonijiet iffinanzjati skont din id-Deċiżjoni, jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kontra kwalunkwe attività illegali oħra, bis-saħħa ta' verifki effettivi u, fil-każ li jiġu identifikati irregolaritajiet ***jew żbalji***, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa b'mod skorrett, u fejn xieraq, b'penali effettivi, proporzjonali u deterrenti. ***Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi wkoll miżuri xierqa li jiżguraw il-kontroll adegwat tar-riskji u li jevitaw l-eċċess tal-ispejjeż.***

Emenda 13
Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa tal-awditu, abbażi ta' dokumenti u ta' verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, fuq il-benefiċjarji, il-partijiet kontraenti u s-subkuntratturi kollha u

Emenda

2. ***Il-Parlament Ewropew***, il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa tal-awditu, abbażi ta' dokumenti u ta' verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, fuq il-benefiċjarji, il-partijiet kontraenti u s-subkuntratturi

partijiet terzi oħrajn li rċevew fondi mill-Unjoni skont din id-Deċiżjoni.

kollha u partijiet terzi oħrajn li rċevew fondi mill-Unjoni skont din id-Deċiżjoni. ***Meta wieħed iqis li d-daqs u n-nuqqasijiet konsiderevoli fil-passat tal-proġett ITER jeħtieġ li jkun hemm skrutinju bir-reqqa min-naħa tal-Parlament Ewropew fil-kariga tiegħu bħala awtorità baġitarja u awtorità tal-kwittanza, u l-Kummissjoni għandha tinforma regolarment lill-Parlament Ewropew dwar l-iżvilupp tal-Programm, b'mod partikolari rigward l-ispejjeż u l-iskeda.***

Emenda 14 **Proposta għal deċiżjoni**

Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Bla ħsara għall-ewwel u t-tieni subparagrafi, ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, ftehimiet ta' għotja, deċiżjonijiet ta' għotja u kuntratti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jagħtu s-setgħa b'mod espliċitu lill-Kummissjoni u lill-OLAF biex iwettqu awditi, verifiki u spezzjonijiet fuq il-post.

Emenda

Bla ħsara għall-ewwel u t-tieni subparagrafi, ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, ftehimiet ta' għotja, deċiżjonijiet ta' għotja u kuntratti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jagħtu s-setgħa b'mod espliċitu lill-Kummissjoni u lill-OLAF biex iwettqu awditi, verifiki u spezzjonijiet fuq il-post. ***Ir-riżultati ta' tali awditi, u kontrolli u ispezzjonijiet fuq il-post, għandhom jintbagħtu lill-Parlament Ewropew.***

Emenda 15 **Proposta għal deċiżjoni**

Anness – Objettiv xjentifiku u teknoloġiku – paragrafu

Test propost mill-Kummissjoni

L-ewwel priorità tal-istrateġija biex jinkised l-objettiv għandha tkun il-konstruzzjoni ta' ITER (faċilità kbira sperimenti li turi l-fattibilità xjentifika u teknika tal-enerġija mill-fużjoni), segwita

Emenda

L-ewwel priorità tal-istrateġija biex jinkised l-objettiv għandha tkun il-konstruzzjoni ta' ITER (faċilità kbira sperimenti li turi l-fattibilità xjentifika u teknika tal-enerġija mill-fużjoni), segwita

mill-kostruzzjoni ta' impjant ta' dimostrazzjoni tal-enerġija mill-fużjoni.

mill-kostruzzjoni ta' impjant ta' dimostrazzjoni tal-enerġija mill-fużjoni. ***Il-prijoritajiet proposti fil-pjan direzzjonali 2012 tal-EFDA għall-fużjoni għandhom jittqiesu sabiex jiġi żgurat li l-ITER ikollu rwol ewlieni fit-tranżizzjoni tal-enerġija.***

Emenda 16

Proposta għal deċiżjoni

Anness – Objettiv xjentifiku u teknoloġiku – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għandha tiġi żgurata d-dimostrazzjoni ta' produzzjoni kompetittiva tal-elettriku sal-2050. B'reazzjoni għal dik il-mira, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-Programm regolament u tipproduċi rapport ta' progress fuq bażi annwali b'reazzjoni għall-isfidi fiżiċi, teknoloġiċi, baġitarji u ta' sigurtà. Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni għandha tippovdi analiżi tal-impatti potenzjali fuq it-tliet fażijiet prinċipali flimkien ma' pjan ta' kontinġenza li jispeċifika l-prijoritajiet skont il-benefiċċji, ir-riskji u l-ispejjeż biex jintlaħqu l-objettivi ta' fużjoni kummerċjali. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-implimentazzjoni ta' sistema ta' twissija bikrija sabiex jiġu identifikati r-riskji u sabiex jitħaffef il-proċess ta' mitigazzjoni.

Emenda 17

Proposta għal deċiżjoni

Anness – Prijoritajiet – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-fużjoni għandha l-potenzjal li tagħmel kontribuzzjoni maġġuri għat-twettiq ta' provvista ta' enerġija sostenibbli u sikura għall-Unjoni f'it deċennji mil-lum. L-iżvilupp tiegħu b'suċċess kieku jipprovdi

Il-fużjoni għandha l-potenzjal li tagħmel kontribuzzjoni maġġuri għat-twettiq ta' provvista ta' enerġija sostenibbli u sikura għall-Unjoni f'it deċennji mil-lum. L-iżvilupp tiegħu b'suċċess kieku jipprovdi

enerġija li tkun sikura, sostenibbli u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent.

enerġija li tkun sikura, sostenibbli u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent. ***L-użu tal-enerġija mill-fużjoni huwa għan promettenti ħafna imma huwa wkoll sfida sinifikanti, peress li għad fadal kwistjonijiet ta' fiżika u inġinerija sabiex isir progress biex tintwera l-fattibilità tal-enerġija mill-fużjoni. Sabiex jiġu indirizzati bl-aħjar mod uħud mill-isfidi, huwa essenzjali li l-Unjoni twettaq kull sforz biex tappoġġa u tisfrutta l-isforzi tal-faċilità Joint European Taurus (JET) ħalli tikkontribwixxi biex jitnaqqas kwalunkwe distakk ta' għarfien jew esperjenza.***

Emenda 18

Proposta għal deċiżjoni

Anness – Attivitajiet – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) Sabiex tiġi pprovduta l-kontribuzzjoni tal-Euratom lill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER, inklużi dawk l-attivitajiet ta' R&Ż meħtieġa għall-iżvilupp tal-bażi tal-akkwist tal-komponenti ITER u l-akkwist tal-Moduli Ġenerali tal-Ittestjar tal-ITER.

Emenda

(a) Sabiex tiġi pprovduta l-kontribuzzjoni tal-Euratom lill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER, inklużi dawk l-attivitajiet ta' R&Ż meħtieġa għall-iżvilupp tal-bażi tal-akkwist tal-komponenti ITER u l-akkwist tal-Moduli Ġenerali tal-Ittestjar tal-ITER ***u sabiex jiġu ssuġġerit titjib potenzjali fil-governanza tal-Programm.***

Emenda 19

Proposta għal deċiżjoni

Anness – Attivitajiet – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) (ċ) Kif xieraq, attivitajiet oħra sabiex tiġi ppreparata l-bażi għad-disinn ta' reattur ta' dimostrazzjoni u faċilitajiet relatati.

Emenda

(c) Kif xieraq, attivitajiet oħra sabiex tiġi ppreparata l-bażi għad-disinn ta' reattur ta' dimostrazzjoni u faċilitajiet relatati, ***prinċipalment dawk meħtieġa għas-soluzzjoni tal-kwistjonijiet pendenti fir-rigward tal-kostruzzjoni u t-tħaddim tad-DEMO. Dan se jinkludi l-iżgurar tal-***

kontinwità tal-esplojtazzjoni tal-JET sad-data ta' meta l-ITER jibda jiffunzjona b'mod sħiħ. Għandhom jiġu promossi soluzzjonijiet standard sabiex jerġgħu jiġu użati kemm jista' jkun fil-bini ta' impjanti tal-enerġija kummerċjali.

Emenda 20
Proposta għal deċiżjoni

Anness – Attivitajiet – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) Sabiex tiġi implimentata politika industrijali xierqa għall-involviment tal-industrija, inklużi l-intrapriżi żgħar u medji, sabiex titrawwem il-kompetittività u sabiex is-sistema Ewropea tkun ippreparata għall-era tal-fużjoni.

Emenda 21

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – Attivitajiet – paragrafu 2 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cb) Biex l-industrija, inklużi intrapriżi speċjalizzati żgħar u ta' daqs medju, tiġi involuta kemm jista' jkun u malajr kemm jista' jkun sabiex jiġu żviluppati u vvalidati soluzzjonijiet u tagħmir standard u affidabbli. Dan ikun ta' għajjnuna biex jintlaħaq il-Programm fi ħdan il-baġit.

Emenda 22

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – Attivitajiet – paragrafu 2 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cc) Biex tiġi promossa d-disponibilità ta' forza tax-xogħol u xjentisti ta' ħila u b'esperjenza bħala ċ-ċavetta għas-suċċess

tal-fużjoni. It-titjib tal-ITER għandu jkun assoċjat ma' miżuri speċifiċi li jappoġġjaw it-taħriġ u l-edukazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija tal-fużjoni.

Emenda 23

Proposta għal deċiżjoni

Annex I – Attivitajiet – paragrafu 2 – punt cd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cd) Biex jiġi żviluppat programm ta' komunikazzjoni għaċ-ċittadini tal-Unjoni biex jinżammu infurmati u kkonsultati b'mod sħiħ dwar l-isfidi, ir-riskji u s-sigurtà tal-fużjoni nukleari.

Emenda 24

Proposta għal deċiżjoni

Annex I – Attivitajiet – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-programmi ta' ħidma dettaljati li jimplimentaw l-attivitajiet t'hawn fuq ser ikunu deċiżi, fuq bażi annwali, mill-Bord tat-Tmexxija tal-Fużjoni għall-Enerġija.

Il-programmi ta' ħidma dettaljati li jimplimentaw l-attivitajiet t'hawn fuq ser ikunu deċiżi **u kkomunikati lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni** fuq bażi annwali, mill-Bord tat-Tmexxija tal-Fużjoni għall-Enerġija.

NOTA SPJEGATTIVA

Fit-3 ta' Frar 2012, il-Kunsill iddeċieda li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 7 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, dwar il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar Programm Supplimentari ta' Riċerka għall-proġett ITER (2014-2018) COM(2011)0931 (finali) – 2011/0460(NLE).

Fit-23 ta' Mejju 2012 il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) adotta opinjoni dwar din il-proposta tal-Kummissjoni, fejn talab, fost l-oħrajn, aktar investiment fir-R&Ż ta' teknoloġiji bil-potenzjal ta' enerġija li ma tagħmilx ħsara lill-klima, inklużi l-iżvilupp u l-isfruttar tal-enerġija mill-fużjoni. Il-KESE ħadem ukoll bis-saħħa favur dan u jopponi l-proposta tal-Kummissjoni li jitneħħa l-ITER (ir-Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali) mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika għall-Programm Supplimentari ta' Riċerka tinsab fl-Artikolu 7 tat-Trattat tal-Euratom. Il-Programm Supplimentari ta' Riċerka, b'tul ta' żmien ta' 5 snin, ser ikun adottat permezz ta' Deċiżjoni speċifika tal-Kunsill.

Fużjoni

Il-fużjoni hija proċess li jeżisti fin-natura. Fil-fatt hija l-fużjoni li tmantni lix-xemx u li għaldaqstant tagħmel il-ħajja fid-dinja possibbli. Għall-kuntrarju tal-fissjoni nukleari, li tirrilaxxa l-enerġija meta atomu tqil jinqasam f'żewġ elementi eħfef, il-fużjoni tirrilaxxa l-enerġija meta n-nuklei ta' żewġ atomi ħfief jingħaqdu, bħal meta żewġ nuklei tal-idroġenu jingħaqdu biex jiffurmaw atomu wieħed ġdid. Dan il-proċess jirrilaxxa ammont kbir ħafna ta' enerġija bla ma jarmi xi Gassijiet b'Effett ta' Serra (GHG).

L-istorja fil-qosor¹

Apparat tal-fużjoni nbena ħafna żmien ilu, imma fl-1968 seħħ pass kbir 'il quddiem meta tħabbu r-riżultati minn tip ġdid ta' apparat ta' konfinament manjetiku msejjaħ tokamak. Illum, it-tokamak huwa t-teknika sperimentali dominanti għall-istudju tal-fużjoni. L-ITER, l-akbar tokamak li qatt inbena, huwa l-pass li jmiss għall-fużjoni, li jibni fuq l-esperjenza u l-għarfien miksuba mill-predeċessuri tiegħu filwaqt li jagħmel il-passi l-kbar li jmiss fit-triq tal-fużjoni bħala sors dinji tal-enerġija.

Euratom/Orizzont 2020

Il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom (2014-2018) propost jikkonċerna attivitajiet ta' riċerka fl-enerġija nukleari (fużjoni u fissjoni u l-attivitajiet tal-JRC) u l-protezzjoni mir-rad jazzjoni. Il-proposta hija parti integrali mill-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020. Se tkopri l-programm ta' riċerka u żvilupp tal-enerġija mill-fużjoni li huwa marbut b'mod ċar mal-oġettivi tal-Istrateġiji tal-Ewropa u tal-Enerġija għall-

¹ http://ec.europa.eu/research/energy/euratom/index_en.cfm.

2020. Riċerka ġenerika li twettqet fl-istituti fis-27 Stat Membru se tkopri d-dimostrazzjoni tal-fattibilità tal-fużjoni bħala sors tal-enerġija billi tisfrutta l-faċilitajiet tal-fużjoni eżistenti u futuri, tistabbilixxi s-sisien għal impjanti tal-enerġija mill-fużjoni futuri billi tiżviluppa teknoloġiji u materjali kumplessi avanzati, u attivitajiet ta' disinn kunċettwali u billi tippromwovi l-innovazzjoni u l-kompetittività industrijali.

ITER

ITER huwa 'l-ewwel proġett ta' dan it-tip' fuq skala globali kbira. Il-Komunità, billi ffirmat il-Ftehim dwar l-Istabiliment tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Enerġija mill-Fużjoni tal-ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett tal-ITER¹ (l-UE, il-Ġappun, ir-Russja, l-Istati Uniti tal-Amerika, iċ-Ċina, ir-Repubblika tal-Korea u l-Indja), impenjat ruħha li tospita u tmexxi l-kostruzzjoni tal-ITER u kif mistenni, l-operazzjoni futura tiegħu. Il-kontribuzzjoni tal-Komunità hija ġestita permezz tal-‘Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni’ (F4E jew ‘Fużjoni għall-Enerġija’), stabbilita permezz tad-Deċizzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Marzu 2007². L-attivitajiet tal-Fużjoni għall-Enerġija, inkluż ITER³, għandhom jiġu rregolati minn att leġislativ separati.

Kompetenzi

Ir-R&Ż tal-Fużjoni se tindirizza l-kompetenzi nukleari li qed jonqsu fl-Ewropa. Dan jista' jiġi indirizzat b'mod effikaċi bl-isfruttament ta' sinerġiji bejn l-isforzi ta' riċerka tal-parteċipanti internazzjonali, tal-Istati Membri tal-UE, tas-settur privat u bejn id-dixxiplini xjentifiċi u s-setturi tat-teknoloġija. Dan l-isforz internazzjonali se jikkontribwixxi wkoll biex isaħħaħ il-qafas ta' riċerka u innovazzjoni fl-oqsma tal-fużjoni u huwa essenzjali għall-futur fit-tul tal-programm ta' fużjoni.

Sfidi Globali

It-tnaqqis fl-emissjonijiet globali se jillimita l-użu tal-enerġiji fossili sabiex iż-żieda fit-temperatura tinżamm fil-limitu ta' 2°C. Iż-żejt u l-gass naturali se jonqsu b'mod progressiv. F'din il-perspettiva, l-ITER huwa element ewlieni tar-riċerka tal-enerġija u għaldaqstant jidher ukoll fil-Pjan tat-Teknoloġija Enerġetika Strateġika (SET).

Strateġija

L-istrateġija għall-iżvilupp tal-enerġija mill-fużjoni bħala għażla kredibbli għall-produzzjoni kummerċjali tal-enerġija mingħajr gassijiet b'effett ta' serra (GHG), għandha ssegwi pjan direzzjonali lejn il-mira tal-produzzjoni tal-elettriku sal-2050. Pjan direzzjonali ta' dan it-tip⁴ twettaq mill-Ftehim Ewropew dwar l-Iżvilupp tal-Fużjoni (EFDA), li jinvolvi l-Istituti tal-Fużjoni nazzjonali kollha. Biex tiġi implimentata dik l-istrateġija, għandu jitwettaq ristrutturar radikali tax-xogħol relatat mal-fużjoni fl-Unjoni, inklużi l-governanza, l-finanzjament u l-ġestjoni, biex tiġi żgurata bidla fl-enfasi minn riċerka pura lejn id-disinn, il-bini u l-operat ta'

¹ ĠU L 358, 16.12.2006, p. 62.

² ĠU L 90, 30.03.2007.

³ <http://www.iter.org/>.

⁴ <http://www.efda.org/wpcms/wp-content/uploads/2013/01/JG12.356-web.pdf?91a98e>.

faċilitajiet futuri bħal ITER, DEMO u lil hinn minnhom, mingħajr ma jitpoġġew fil-periklu l-istituti tal-fużjoni nazzjonali. Kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Komunità tal-fużjoni tal-UE, li bħalissa qed taħdem fi ħdan il-qafas tal-Ftehim Ewropew dwar l-Iżvilupp tal-Fużjoni, u l-Kummissjoni hija kruċjali. Il-pjan direzzjonali tal-EFDA jaġġorna r-reviżjoni tal-faċilità tal-fużjoni¹ ippubblikata f'Ottubru 2008 u jipproponi strateġija ta' elettriku mill-fużjoni sal-2050.

Sigurtà tal-fużjoni

Għall-kuntrarju tal-fissjoni, m'hemm l-ebda reazzjoni katina involuta fil-fużjoni. Il-fjuwil huwa ineżawribbli għax jista' jiġi derivat direttament mill-iżotopi tal-idroġenu, id-dewterju jista' jiġi estratt faċilment mill-ilma baħar u t-tritju li jeħtieġ jiġi prodott mil-litju faċilment disponibbli, huwa metall ħafif. It-teknoloġija tal-ġenerazzjoni ta' tritju fir-reattur tal-fużjoni se tkun ittestjata fl-ITER. It-tritju huwa element radjuattiv, imma l-inventarju tiegħu jinżamm baxx ħafna (madwar ftit grammi biss fil-kompartiment tal-ITER). Inħareġ id-digriet li jawtorizza l-Organizzazzjoni ITER biex joħloq b'mod formali "l-installazzjoni nukleari" ITER.

Stabbiliment tal-prijoritajiet u rakkomandazzjonijiet

Ir-Rapporteur jikkunsidra li l-proġett ta' riċerka ITER huwa prezzjuż għax huwa se juri l-fużjoni bħala sors tal-enerġija possibbli futur, li huwa sikur, sostenibbli, responsabbli fir-rigward tal-ambjent u ekonomikament vijabbli għall-Ewropa u l-finanzjament tiegħu għandu jittkompla.

Huwa kruċjali li jiġu implimentati l-prijoritajiet proposti fil-pjan direzzjonali tal-EFDA għall-fużjoni sabiex jiġi żgurat li l-ITER ikollu rwol ewlieni fit-tranżizzjoni tal-enerġija.

Fuq perjodu ta' żmien qasir, għandhom jiġu indirizzati l-ispejjeż, l-aspetti tal-akkwist u ta' sigurtà tat-tritju, il-fjuwil għar-reatturi tal-fużjoni. Fuq perjodu aktar fit-tul, għad-DEMO u r-reatturi kummerċjali futuri, għandha tiġi indirizzata u żgurata l-provvista tal-fjuwil billi jitwasslu twegġibiet sodisfaċenti għat-teknoloġija tal-ġenerazzjoni tat-tritju.

B'mod parallel mal-kostruzzjoni tal-ITER, l-Ewropa u l-Ġappun huma involuti fl-hekk imsejjaħ "approċċ usa" (li l-ITER jifforma parti minnu) li jinkludi d-disinn u l-validazzjoni tal-inġinerija tal-Faċilità Internazzjonali ta' Irradjazzjoni ta' Materjali ta' Fużjoni (IFMIF)².

Il-produzzjoni tal-iskart għandha tkun ikkunsidrata bħala prijorità fl-istadji bikrija sabiex jiġu evitati diffikultajiet ta' riċiklaġġ aktar tard, għalkemm il-ħajja tad-degradazzjoni radjuattiva tagħhom hija ħafna anqas u għalhekk mhix komparabbli mal-iskart tal-fissjoni. Fir-rigward ta' skeda, l-ewwel plażma ITER issa tmexxiet għall-2020, sena aktar tard minn dak li kien skedat preċedentement.

Hemm il-potenzjal li titjeb il-governanza tal-ITER meta titqies l-esperjenza ta' proġetti ta' fużjoni li rnexxew u r-rwol ta' tmexxija tal-Ewropa.

¹ http://ec.europa.eu/research/energy/pdf/978-92-79-10057-4_en.pdf

² <http://www.ifmif.org/c/index.htm>

Baġit

Minħabba l-kumplessità politika, teknika u organizzattiva tal-programm ITER, huwa probabbli li limiti baġitarji jista' jkollhom impatt fuq il-programm u se jkunu meħtieġa kompromessi. Għalhekk huwa essenzjali li jiġu provduti strateġija u pjan ta' kontinġenza sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-fużjoni.

"Il-Linja Bażi" ¹ ġiet adottata mill-Bord tat-Tmexxija tal-Fużjoni għall-Enerġija f'Lulju 2010 u tispeċifika l-ambitu, l-iskeda u l-ispiża.

Hemm numru ta' riskji assoċjati ma' diversi fatturi. Madanakollu, kontinġenzi għall-provvista ta' avvenimenti mhux previsti, bħall-aċċident ta' Fukushima tal-2011 u l-konsegwenzi tiegħu mhumiex ikkunsidrati fil-baġit preżenti għall-ITER. L-assenza ta' kwalunkwe kontinġenza, li rriżultat mil-limitazzjoni tal-baġit min-naħa tal-Kunsill għal EUR 6.6 biljun minflok is- EUR 7.2 biljun mitluba, timplika li kull żieda se jkollha tiġi kkumpensata mit-tfaddil.

Għall-ITER huwa essenzjali li tiġi evitata kwalunkwe żieda oħra fir-riskju tal-ispiża, li jitnaqqas ir-riskju tal-ispiża attwali u jitfittex iffrankar reali mingħajr ma jiġi kompromess l-ambitu globali tal-proġett. It-trażżin tal-ispejjeż u l-pjanijiet ta' tfaddil ġew mitluba mill-Kunsill u huma inklużi fir-rapporti ta' progress annwali tal-Fużjoni għall-Enerġija.

Il-kontroll baġitarju, l-amministrazzjoni aktar kosteffikaċi fil-Fużjoni għall-Enerġija, it-titjib fl-akkwist u fl-operazzjonijiet ta' monitoraġġ mill-Fużjoni għall-Enerġija u l-konformità sħiħa mar-rakkomandazzjonijiet provduti mill-Qorti tal-Awdituri huma assolutament essenzjali. L-evalwazzjoni tal-koordinazzjoni tal-aspetti tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità u tal-Kontroll tal-Kwalità tal-proġett u tal-kontribuzzjoni Ewropea hija importanti wkoll. Awditur estern ġie impjegat wara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fit-12 ta' Lulju 2010 li kien talab numru ta' inizjattivi. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew kien ta' kuntratt għal studju dwar il-proġett ITER².

Effetti indiretti

ITER huwa l-istadju ta' qabel tal-aħħar qabel il-produzzjoni tal-elettriku permezz ta' reattur DEMO. Il-kollaborazzjoni mill-qrib bejn il-komunità tal-Fużjoni (inklużi l-faċilitajiet tal-fużjoni) u l-industrija sabiex jiġu trasferiti malajr ir-riżultati tar-R&Ż diġà rriżultat fi spin-offs li mnexxew³ f'diversi oqsma. L-involvement tal-industrija u l-interazzjoni magħha għandhom jissaħħu sabiex jiġu żviluppati u sfruttati teknoloġiji ta' fużjoni attwali u futuri bħal kalamiti superkonduttivi u sistemi b'qawwa għolja, il-maniġġ mill-bogħod, il-manifattura, l-inġinerija, is-simulazzjoni ta' operazzjonijiet permezz tal-kompjuter, materjali b'piżijiet termali u mekkaniċi kbar inklużi teknoloġiji tal-immuntar, tal-iffurmar u tal-kisi, l-ispezzjoni mhux distruttiva u l-assigurazzjoni tal-kwalità.

¹ F4E ("Fużjoni għall-Enerġija") hija l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER, stabbilita mill-Kunsill f'Marzu 2007 (ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58) Hija l-Aġenzija Domestika Ewropea responsabbli biex tgħaddi l-kontribuzzjonijiet tal-UE lill-ITER, u hija bbażata f'Barcellona.

² It-titolu tal-istudju huwa "Il-potenzjal għar-riorganizzazzjoni fi ħdan il-proġett ITER sabiex itejbu l-effettività" (. L-istudju kien mitlub mill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit.

³ http://ec.europa.eu/research/energy/pdf/spin_off_en.pdf.

Il-programm ta' fużjoni għandu jwettaq aktar studju tal-kwistjonijiet soċjoekonomiċi, ambjentali u ta' sigurtà relatati mal-implimentazzjoni ta' fużjoni termonukleari bħala sors ta' enerġija tal-futur li se jkun inkluż fit-taħlita tal-enerġija.

Il-kontribuzzjoni Ewropea għall-ITER

Ir-Rapporteur huwa tal-opinjoni li l-proposta tal-KE mhijiex l-istrument xieraq li jipprovdi kontribuzzjoni Ewropea sikura u fit-tul għall-proġett ITER. L-ITER għandu jiġi ffinanzjat mill-QFP. Il-finanzjament tiegħu barra mill-QFP ma jkunx mifhum mill-partijiet interessati Ewropej involuti fil-programm, u lanqas mill-imsieħba internazzjonali tagħna fil-proġett. Għall-kuntrarju l-UE, bħala l-Parti Ospitanti, għandha fil-fatt id-dmir li tassigura b'mod sħiħ li se tkompli tappoġġja b'mod qawwi l-ITER fid-deċennji li ġejjin. Fl-aħħar nett, l-integrazzjoni mill-ġdid tal-ITER fil-QFP se ttiprovdi lill-Parlament Ewropew b'kontroll aħjar tal-proġett.

Għal dawn ir-raġunijiet, ir-Rapporteur jappoġġja lill-KESE u r-riżultat tal-vot tal-Kumitat ITRE dwar ir-Regolament dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkomplimenta l-Orizzont 2020, li jitlob għal integrazzjoni mill-ġdid tal-ITER fil-QFP. Għandhom jiġu eżaminati l-għażliet kollha għall-integrazzjoni mill-ġdid tal-ITER fil-QFP.

28.3.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Programm Supplimentari ta' Riċerka għall-proġett ITER (2014-2018)
(COM(2011)0931 – C7-0032/2012 – 2011/0460(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Nils Torvalds

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-proposta tal-Kummissjoni għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Programm Supplimentari ta' Riċerka għall-proġett ITER skont it-Trattat Euratom għandha l-għan li tiddefinixxi l-futur tal-finanzjament tal-UE għall-ITER għall-perjodu 2014-2018.

Permezz tal-emendi tiegħu, ir-Rapporteur jixtieq jenfasizza li l-involvement tal-UE fil-proġett ITER għandu jkompli għall-perjodu ta' programmar li jmiss permezz ta' kontribuzzjoni finanzjarja speċifika mill-baġit tal-UE, minħabba l-importanza strateġika tal-proġett.

Huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-proġett jibbenefika minn finanzjament suffiċjenti biex jinkisbu r-riżultati previsti mingħajr ma, fl-istess ħin, tkun ipperikolata l-implimentazzjoni ta' programmi oħra tal-UE, partikolarment fil-qasam tar-riċerka.

Ir-Rapporteur iddeċieda li jsegwi, f'dan ir-rigward, il-pożizzjoni uffiċjali meħuda mill-Parlament fir-Rapport interim tiegħu dwar il-QFP ta' Ottubru 2012 u jappoġġja, għalhekk, il-proposta tal-Kummissjoni li l-ITER ma jibqax parti mill-QFP, jiġifieri jmur lil hinn mil-limiti massimi tiegħu. Tali soluzzjoni jista' jkollha l-vantaġġ li tevita r-riallokazzjonijiet possibbli favur l-ITER askapitu ta' programmi oħra tal-UE u speċifikament ta' programmi ta' riċerka taħt it-titolu 1a (prinċipalment Orizzont 2020), kif kien il-każ diġà fil-passat. Dan huwa konformi mal-prinċipju tal-unità tal-baġit inkluż fit-Trattat u fl-istess ħin jippreserva l-prerogattivi tal-Parlament bħala awtorità baġitarja.

Il-finanzjament tal-ITER waqt il-perjodu 2014-2018 għandu jkun delimitat sa ammont massimu, li jiġi stabbilit fir-regolament tal-QFP, sabiex jiġu evitati l-ispejjeż possibbli, aktar minn dawk ippjanati, li jisfidaw l-implimentazzjoni ta' politiki oħra tal-UE, partikolarment fil-qasam tar-riċerka. Dan ifisser li kwalunkwe spiża aktar minn dik ippjanat li taqbeż l-ammont massimu għandha tiġi ffinanzjata permezz ta' żieda fil-limiti massimi tal-QFP jew

permezz ta' rizzorsi addizzjonali li jaqbżu l-limiti massimi b' mod xieraq.

Rigward il-finanzjament tiegħu, ir-Rapporteur huwa tal-fehma li l-proġett jiġi ffinanzjat permezz tar-rizzorsi proprji ordinarji tal-Unjoni u mhux permezz ta' dħul assenjat estern. Madankollu, dan il-finanzjament għandu jitqies addizzjonali għar-rizzorsi proposti mill-Kummissjoni għall-programm Orizzont 2020, il-programm qafas EURATOM jew il-programmi l-oħra tal-Unjoni.

Għandu jitqies, madankollu, li fl-ambitu tat-Trattat Euratom, li l-proposta attwali tirreferi għalih, il-Parlament għandu biss rwol konsultattiv fir-rigward tal-Kunsill. Il-Kunsill Ewropew tas-7-8 ta' Frar 2013 iddeċieda li jqiegħed l-ITER taħt it-Titolu 1a, filwaqt li jiġi stabbilit ammont massimu fiss ta' EUR 2 707 miljun għall-finanzjament tiegħu. Bil-għan li titqies ir-realtà politika u meta wieħed jikkunsidra r-rwol konsultattiv tal-parlament, ir-Rapporteur jixtieq iqiegħed għall-attenzjoni u d-diskussjoni tal-Kumitat BUDG is-soluzzjoni alternattiva dwar l-aċċettazzjoni tal-pożizzjoni tal-ITER fi ħdan it-Titolu 1a, iżda li jkun delimitat fl-ambitu ta' sublimitu għal ammont massimu li huwa maħsub li jkun addizzjonali għal dak propost mill-Kummissjoni għall-programmi l-oħra tal-UE fl-ambitu ta' dan it-titolu, sabiex ma jkunx hemm tnaqqis fl-allokkazzjonijiet tagħhom.

Il-benefiċċju possibbli ta' tali approċċ iqarreb il-pożizzjoni tal-Parlament lejn dik tal-Kunsill filwaqt li jikseb l-għan ewlieni tad-delimitazzjoni. Madankollu, wieħed għandu jżomm f'moħħu li din l-għażla għad-delimitazzjoni tiddependi biss fuq kunċett politiku u hija nieqsa mill-garanziji legali ta' delimitazzjoni lil hinn mil-limiti massimi.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1 **Proposta għal deċiżjoni** **Premessa -1 (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1) L-impenn tal-Unjoni Ewropea għall-Ftehim dwar l-Istabiliment tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER¹ (minn hawn 'il quddiem "Ftehim ITER") jerġa' jkun ikkonfermat.

¹ *ĠU L 358, 16.12.2006, p. 62*

Emenda 2
Proposta għal deċiżjoni
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) ***Il-Ftehim dwar l-Istabiliment tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER (minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim ITER")*** ġie ffirmat fil-21 ta' Novembru 2006 mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom), ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, ir-Repubblika tal-Indja, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, il-Federazzjoni Russa u l-Istati Uniti tal-Amerka. Il-Ftehim ITER jistabilixxi l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER (minn hawn 'il quddiem l-"Organizzazzjoni ITER"), li għandha r-responsabilità sħiħa għall-kostruzzjoni, l-operat, l-esplojtazzjoni u d-deattivazzjoni tal-faċilitajiet ITER.

Emenda 3
Proposta għal deċiżjoni
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Għall-perjodu ta' wara l-2013, il-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha "Baġit għall-Ewropa 2020" ipproponiet li tiffinanzja l-proġett ITER lil hinn ***mill-MFF***. Għalhekk, il-Programm Supplimentari ta' Riċerka għall-proġett ITER għandu jiġi stabbilit għall-perjodu tal-2014 sal-2018.

Emenda

(1) Il-"Ftehim ITER") ġie ffirmat fil-21 ta' Novembru 2006 mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom), ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, ir-Repubblika tal-Indja, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, il-Federazzjoni Russa u l-Istati Uniti tal-Amerka. Il-Ftehim ITER jistabilixxi l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER (minn hawn 'il quddiem l-"Organizzazzjoni ITER"), li għandha r-responsabilità sħiħa għall-kostruzzjoni, l-operat, l-esplojtazzjoni u d-deattivazzjoni tal-faċilitajiet ITER.

Emenda

(5) Għall-perjodu ta' wara l-2013, il-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha "Baġit għall-Ewropa 2020" ipproponiet li tiffinanzja l-proġett ITER lil hinn ***mil-limiti massimi tal-MFF, sabiex ikun żgurat li l-eċċess possibbli tal-ispejjeż ma jheddidx il-finanzjament u l-implimentazzjoni b'suċċess ta' politiki oħra tal-Unjoni, partikolarment fil-qasam tar-riċerka, filwaqt li jinżammu s-setgħat sħaħ taż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja***. Għalhekk, il-Programm Supplimentari ta' Riċerka għall-proġett ITER għandu jiġi

Emenda 4
Proposta għal deċiżjoni
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Il-Programm Supplimentari ta' Riċerka għall-proġett ITER għandu jkun iffinanzjat b'kontribuzzjonijiet **mill-Istati Membri bbażati fuq rata ta' sejħa applikata għad-Dħul Nazzjonali Gross (DNG) ta' kull Stat Membru kif definit għall-iskop tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni abbażi tad-DNG tar-riżorsi proprji tal-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Dawk il-kontribuzzjonijiet għandhom isiru lill-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, u għandhom jiġu assenjati għal dak il-Programm.** Pajjiżi terzi li kkonkludew ftehim ta' kooperazzjoni mal-Euratom fil-qasam tal-fużjoni nukleari kkontrollata li jassoċja l-programmi ta' riċerka rispettivi tagħhom mal-programmi Euratom għandhom ukoll ikunu jistgħu jikkontribwixxi għal dak il-Programm.

Emenda 5
Proposta għal deċiżjoni
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) Il-Programm Supplimentari ta' Riċerka għall-proġett ITER għandu jkun iffinanzjat **lil hinn mil-limiti massimi tal-MFF** b'kontribuzzjonijiet **mir-riżorsi proprji tal-Unjoni u l-ammont massimu tal-finanzjament tagħhom għandu jkun delimitat mill-baġit tal-Unjoni fir-Regolament tal-MFF. Dan l-ammont massimu għandu jitqies bħala addizzjonali għall-baġit propost mill-Kummissjoni għall-programm Orizzont 2020, il-programm qafas EURATOM jew programmi oħra tal-Unjoni.** Pajjiżi terzi li kkonkludew ftehim ta' kooperazzjoni mal-Euratom fil-qasam tal-fużjoni nukleari kkontrollata li jassoċja l-programmi ta' riċerka rispettivi tagħhom mal-programmi Euratom għandhom ukoll ikunu jistgħu jikkontribwixxi għal dak il-Programm.

(7a) Kwalunkwe eċċess tal-ispejjeż iktar mill-ammont massimu ta' (...) stabbilit fl-Artikolu 3 m'għandux ikollu impatt fuq proġetti oħra ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni u għandu jkun iffinanzjat permezz ta' riżorsi addizzjonali lil hinn mil-limiti massimi skont kif ikun xieraq.

Emenda 6
Proposta għal deċiżjoni
Premessa 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7b) Iż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja jaqblu li għandhom ikunu evitati kwalunkwe posponiment jew rimpjazzament ta' approprjazzjonijiet ta' pagamenti li ma ġewx issodisfati relatati mal-proġett ITER u huma jimpenjaw ruħhom li jaħdmu flimkien biex jevitaw tali sitwazzjoni.

Emenda 7
Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Programm għandu jkun iffinanzjat permezz ta' kontribuzzjoni massima ta' EUR 2,573 miljun (f'valuri kurrenti) skont l-Artikolu 3.

Il-Programm għandu jkun iffinanzjat permezz ta' kontribuzzjoni massima ta' EUR 2,573 miljun (f'valuri kurrenti) ***lil hinn mill-limiti massimi tal-MFF***, skont l-Artikolu 3, ***minbarra l-baġit propost mill-Kummissjoni għall-programm Orizzont 2020, il-programm qafas tal-EURATOM jew il-programmi l-oħra tal-Unjoni. Kwalunkwe eċċess tal-ispejjeż iktar mill-ammont massimu m'għandux ikollu impatt fuq proġetti oħra ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni u għandu jkun iffinanzjat permezz ta' riżorsi addizzjonali li jaqbżu l-limiti massimi skont kif ikun xieraq.***

Emenda 8
Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Programm għandu jkun iffinanzjat ***minn kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri, ibbażati fuq rata ta' sejħa applikata għad-***

Il-Programm għandu jkun iffinanzjat ***mir-riżorsi proprji tal-Unjoni.***

Dħul Nazżjonali Gross (DNG) ta' kull Stat Membru, kif definit għall-iskopijiet ta' kalkolu tal-kontribuzzjoni tar-riżorsi proprji abbażi tad-DNG lill-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Dawk il-kontribuzzjonijiet għandhom ikunu kkunsidrati bħala dħul estern assenjat għall-Programm skont [l-Artikolu XX tar-Regolament (UE) Nru XX/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Ir-Regolament Finanzjarju Ġdid].

Emenda 9

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri xierqa biex tiżgura li, meta jiġu implimentati l-azzjonijiet iffinanzjati skont din id-Deċiżjoni, jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kontra kwalunkwe attività illegali oħra, bis-saħħa ta' verifki effettivi u, fil-każ li jiġu identifikati irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa b'mod skorrett, u fejn xieraq, b'penali effettivi, proporzjonali u deterrenti.

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri xierqa biex tiżgura li, meta jiġu implimentati l-azzjonijiet iffinanzjati skont din id-Deċiżjoni, jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kontra kwalunkwe attività illegali oħra, bis-saħħa ta' verifki effettivi u, fil-każ li jiġu identifikati irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa b'mod skorrett, u fejn xieraq, b'penali effettivi, proporzjonali u deterrenti. ***Il-Kummissjoni għandha wkoll timplimenta miżuri xierqa li jiżguraw il-kontroll adegwat tar-riskji u li jevitaw l-eċċess tal-ispejjeż.***

Emenda 10

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa tal-awditu, abbażi ta' dokumenti u ta' verifiki u spezzjonijiet fuq

Emenda

2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa tal-awditu, abbażi ta' dokumenti u ta' verifiki u spezzjonijiet fuq

il-post, fuq il-benefiċjarji, il-partijiet kontraenti u s-subkuntratturi kollha u partijiet terzi oħrajn li rċevew fondi mill-Unjoni skont din id-Deċiżjoni.

il-post, fuq il-benefiċjarji, il-partijiet kontraenti u s-subkuntratturi kollha u partijiet terzi oħrajn li rċevew fondi mill-Unjoni skont din id-Deċiżjoni. ***Meta wieħed iqis li d-daqs u n-nuqqasijiet gravi fil-passat tal-proġett ITER jirrikjedu skrutinju mill-qrib min-naħa tal-Parlament Ewropew fil-kariga tiegħu bħala awtorità baġitarja u awtorità tal-kwittanza, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew fuq bażi regolari dwar l-iżvilupp tal-programm partikolarment rigward l-ispejjeż u l-iskeda.***

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	26.3.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 26 -: 2 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Richard Ashworth, Zuzana Brzobohatá, Jean Louis Cottigny, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Jens Geier, Ingeborg Gräßle, Jutta Haug, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, George Lyon, Jan Mulder, Vojtěch Mynář, Dominique Riquet, László Surján, Helga Trüpel
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Frédéric Daerden, Hynek Fajmon, Charles Goerens, Jürgen Klute, María Muñoz De Urquiza, Georgios Stavrakakis, Catherine Trautmann

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	30.5.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 37 -: 5 0: 6
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Amelia Andersdotter, Josefa Andrés Barea, Zigmantas Balčytis, Ivo Belet, Bendt Bendtsen, Fabrizio Bertot, Jan Březina, Reinhard Bütikofer, Giles Chichester, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Vicky Ford, Adam Gierak, Norbert Glante, Jacky Hénin, Kent Johansson, Romana Jordan, Krišjānis Kariņš, Lena Kolarska-Bobińska, Judith A. Merkies, Jaroslav Paška, Vittorio Prodi, Miloslav Ransdorf, Herbert Reul, Teresa Riera Madurell, Jens Rohde, Paul Rübig, Amalia Sartori, Salvador Sedó i Alabart, Patrizia Toia, Evžen Tošenovský, Catherine Trautmann, Ioannis A. Tsoukalas, Claude Turmes, Vladimir Urutchev, Adina-Ioana Vălean, Kathleen Van Brempt, Alejo Vidal-Quadras
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	António Fernando Correia de Campos, Ioan Enciu, Elisabetta Gardini, Roger Helmer, Jolanta Emilia Hibner, Yannick Jadot, Seán Kelly, Vladimír Remek, Algirdas Saudargas, Lambert van Nistelrooij